MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 627/2011

**Francis Joseph Vella magħruf bħala Francis Joseph Vella Bamber u martu Monica Vella magħrufa bħala Monica Vella Bamber**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti Francis Joseph Vella magħruf bħala Francis Joseph Vella Bamber twieled fis-7 ta' Marzu 1935 minn Paul Vella li twieled f'Diċembru tal-1893.

2. Illi l-esponenti kien konsistentement magħruf bil-kunjom Vella Bamber, kif jidher mill-passaport qadim

tiegħu maħruġ fit-12 ta' Awissu 1958 mis-Segretarju, Maltese Imperial Government.

3. Illi bħala fatt l-atturi kienu u huma konsistentement magħrufin, kemm minn familjari kif ukoll mill-pubbliku, bil-kunjom Vella Bamber.

4. Illi difatti b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 1995 fl-ismijiet **"Richard Vella Tanti vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"** (Ċit nru 914/83) l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim' Awla kienet laqgħet talba ta' ħuh Richard, illum mejjet, sabiex fl-att taż-żwieġ tiegħu jiġi ndikat illi huwa kien magħruf bil-kunjom ta' "Vella Bamber";

5. Illi għalhekk huwa opportun illi ssir annotazzjoni fl-atti tal-anagrafu sabiex din ir-realta' tiġi riflessa hemmhekk.

6. Illi l-annotazzjoni mitluba hija meħtieġa a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun ta' preġudizzju għall-esponenti fil-ħajja soċjali tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponenti kienu u huma konsistentement magħrufin bil-kunjom "Vella Bamber";

2. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu fis-sens illi dan huwa magħruf bħala "Francis Joseph Vella Bamber";

3, Tordna li ssir annotazzjoni fl-att taż-żwieġ tal-attur fis-sens illi Francis Joseph Vella huwa magħruf bħala "Francis Joseph Vella Bamber".

4. Tordna wkoll illi dawn l-annotazzjonijiet isiru wkoll fuq kull att tal-istat ċivili li jżomm jew joħroġ il-konvenut, kull fejn ikun meħtieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fid-19 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, preliminarjament ukoll jiġi rilevat li t-tieni talba rigwardanti l-att tat-twelid oriġinali tar-rikorrenti Francis Joseph Vella *sive* Vella Bamber li jġib in-numru progressiv 2172/1935 hija insostenibbli *stante* li l-imsemmi Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

3. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, rigward it-tielet talba l-esponenti ma jarax għalfejn għanda ssir tali annotazzjoni tenut kont tal-fatt li fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru 938/69 anness mar-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti stess, kunjom ir-rikorrenti huwa diġa ndikat bħala Vella Bamber.

4. Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit, ir-raba' talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta għaliex skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ir-rikorrenti għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

5. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u registrazzjoni jew annotazjonijiet ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom **"Vella Bamber"** u billi huwa qed jitlob biss annotazzjoni fl-atti ma hemmx wisq problema fir-rigward; madankollu kif sewwa eċċepixxa l-konvenut ir-raba' talba ma tistax tiġi milqugħa għaliex ma hemmx indikati għall-liema atti huwa qed jirreferi. Jidher ukoll ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel tlett talbiet attriċi kif dedotti, tiċħad ir-raba' talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------